MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 10/2012

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 293553(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-11 ta' Lulju, 2010 għall-habta ta' 13.20 hrs fi Triq ir-Rizza, Birżebbuġa

1. saq vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' waqt li kien fi zmien ta' sospenzjoni jew skwalifika tal-licenzja tas-sewqan b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata 19 ta' Frar, 2010 (Imħallef Dr. D. Scicluna LL.D);
2. saq vettura numru CRX 028 tal-marka 'Honda' minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Awtorita` ghat-Trasport ta' Malta;
3. kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 7 Kap. 446 (att dwar il-probation) imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-

Magistrati (Malta) datata 19 ta’ Mejju, 2010 (Magt. Dr. E. Grima LL.D);
4. sar recediv b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali datata 19 ta’ Frar, 2010 (Imhallef Dr. D. SciclunaLL.D) u sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 19 ta’ Mejju, 2010 (Magt. Dr. E. Grima LL.D) u fit-22 ta’ Gunju 2010 (Magt. Dr. A. Micallef Trigona LL.D) liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-21 ta’ Dicembru, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 15 tal-Kap. 65 kif ukoll l-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta’ €200 u piena ta’ habs ta’ tliet (3) xhur.

Il-Qorti, a tenur tal-artikolu 15(3) tal-Kap. 65 skwalifikat lill-appellant ghal zmien tliet (3) xhur milli japplika ghall-licenzja tas-sewqan.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta’ Dicembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah minnha u fin-nuqqas timponi sentenza aktar ekwa u gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti peress li m’hemmx evidenza li l-appellant kien qed isuq il-vettura hawn fuq imsemmija.

Illi mingħajr preġudizzju s-sentenza mhix ekwa u ġusta.

Rat ukoll l-eċċezzjoni ta' nullita' tar-rikors tal-appell minħabba li l-fatti fil-qosor ma jkoprux l-ewwel 'tliet' imputazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Dwar l-ewwel aggravju, l-ewwelnett fil-verbal a fol 64 tal-proċess jidher dan il-kliem:

'Xehed bil-ġurament: Joseph Zahra li f'dan l-istadju ammetta.'

Isegwi li ġaladarba hemm ammissjoni, ma tistax imbagħad tissottometti li l-Qorti m'għamlitx apprezzament tal-fatti. Il-Qorti rat b'attenzjoni l-affidavit ta' PS 853 F.Sciberras a fol 2 li fih dettalji ta' kif PC1246 u PS 853 F.Sciberras kienu marru fi Triq ir-Rizza Birżebbuga u sabu lill-imputat isuq il-vettura tiegħu tat-tip Honda ta' kulur aħmar bin-numru tar-reġistrazzjoni CRX – 028 fi Triq ir-Rizza, Birżebbuġa. Huma kienu waqqfuh għax ma kellux liċenzja tas-sewqan li kienet miżmuma mill-Qorti.

Il-Qorti, wara li rat din l-ammissjoni kif ukoll dawn id-dettalji, qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

It-tieni aggravju huwa li s-sentenza mhix ġusta u ekwa.

Mill-atti jirriżulta li l-appellant ammetta mhux biss l-ewwel żewġ imputazzjonijiet iżda wkoll li kiser il-kundizzjonijiet tal-Probation u li kien reċidiv. Il-Qorti kkundannat lill-appellant tliet xhur priġunerija u €200 multa u skwalifikatu milli jkollu liċenzja għal żmien tliet xhur.

Skont l-artikolu 59 tal-Kap 65, sewqan meta persuna tkun skwalifkata milli ssuq, jista' jġib piena **ta' sitt xhur** priġunerija u huwa f'ċirkostanzi speċjali biss li l-Qorti tista' tagħżel li tkkundannah iħallas multa ta' mhux aktar minn €232.94.

Il-multa mhux biss tista' tkun marbuta mal-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 iżda potenzjalment qed tkopri l-ksur tal-Probation.

Dwar l-iskwalifika mis-sewqan, l-artikolu 15(3) tal-Kap 65 jistipula minimu biss u m'hemmx massimu u għalhekk din qegħda fil-parametri tal-Liġi.

Żgur li dawn il-pieni mhumiex eċċessivi.

Dwar is-sottomissjoni tal-Avukat Ġenerali li l-fatti fil-qosor ma jissoddisfawx l-artikolu 419(1)(a), il-Qorti tinnota li l-appellant kien issottometta hekk:

'Illi fil-ġurnata hawn fuq imsemmija, kien hemm rapport li l-appellant kien qed isuq.'

Issa f'dan il-każ il-proċeduri bdew fuq rapport. Filfatt, għalhekk il-Pulizija marret fuq il-post. Iżda xorta kien hemm lok għal xi dettalji oħra dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet (minħabba li l-imputazzjonijiet l-oħrajn huma konsegwenzjali)

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din l-eċċezzjoni u qed tiddikjara lid an l-appell huwa rrit u null. Konsegwentement qed tkun ikkonfermata s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti fl-ismijiet premessi fil-21 ta' Diċembru 2011. L-iskwalifiki milli l-appellant jottjeni xi liċenzja tas-sewqan għandhom jgħaddu seriatim.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------